MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2011

Appell Civili Numru. 327/2006/1

**Frederick Attard**

**v.**

**Malta International Airport p.l.c.**

**Il-Qorti:**

**1.** Dan hu provvediment dwar it-talba li saret mis-socjeta` appellanti bir-rikors taghha tal-1 ta' Lulju 2011 sabiex din il-Qorti tippermettilha tipprezenta d-dokument "MIA 1" anness mar-rikors bhala prova f'dawn il-proceduri u dan ai termini tal-Artikolu 150(1)(a) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. L-iskop tat-talba huwa sabiex is-socjeta`

appellanta tkun tista’ tislet argument dwar l-interpretazzjoni tar-regoli qodma tal-proceduri ta’ dixxiplina fuq l-iskorta ta’ dak provdut fir-regoli godda tal-istess proceduri introdotti bil-ftehim Dok MIA 1 imsemmi.

**2.** Id-dokument MIA 1 jikkonsisti fi ftehim bejn is-socjeta` appellanti, il-General Workers Union u l-Union Haddiema Maghqudin, liema unions jirraprezentaw lill-impjegati tas-socjeta` appellanti ghall-finijiet ta’ negozjar kollettiv, liema ftehim gie ffirmat fit-2 ta’ Novembru 2010 u cioe` wara d-decizjoni appellata u wkoll wara l-prezentata tar-rikors tal-appell.

**3.** L-appellat wiegeb ghar-rikors billi sostna li ghar-ragunijiet msemmija fir-risposta tieghu tas-26 ta’ Lulju 2011 it-talba tas-socjeta` appellanti kellha tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**4.** Ir-ragunijiet moghtija mill-appellat sabiex it-talba tas-socjeta` appellanti tigi michuda huma s-segwenti:

1. Il-proceduri l-godda japplikaw mid-data li gie ffirmat il-ftehim u cioe` mit-2 ta’ Novembru 2010 waqt li ghall-kazijiet li nbdew qabel dik id-data baqghu applikabbli l-proceduri l-qodma.

2. Is-socjeta` appellanti ma tistax tippretendi li jigu applikati l-proceduri l-godda ghall-kaz odjern li gara ferm qabel it-2 ta’ Novembru 2010.

3. Ir-regoli l-godda ma jistghu qatt isibu applikazzjoni fil-kaz odjern.

**5.** Qabel xejn ghandu jigi precizat li l-Artikolu 150 tal-Kap. 12 ma jobbligax lill-Qorti tilqa’ kwalunkwe talba ghall-produzzjoni ta’ xi dokument kull meta tirrikorri xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (1) tal-istess artikolu. Dak li jipprovdi l-istess artikolu hu li l-Qorti <u>tista’</u> tilqa’ talba ghall-produzzjoni ta’ dokument fl-istadju previst f’dak l-artikolu <u>biss jekk</u> tkun tezisti xi wahda mic-cirkostanzi hemm elenkati. Jghodd f’dan ghal dan il-kaz ukoll dak li rriteniet din il-Qorti fil-provvediment taghha tal-

24 ta’ Gunju, 2011 fil-kawza fl-ismijiet **Josef Farrugia v Christopher Carabott et.** b’riferenza ghall-Artikolu 145 tal-Kap. 12 liema artikolu fl-apparenza tieghu jidher li hu aktar liberali mill-Artikolu 150. F’dak il-provvediment din il-Qorti ghamlitha cara li fir-rigward ta’ talbiet ghal produzzjoni ta’ dokumenti f’dan l-istadju din il-Qorti ma ghandhiex, bhala regola, tqis provi illi ma ngiebux quddiem qorti tal-ewwel grad[1]. Anki meta d-dokument seta jingieb biss f’dan l-istadju ghaliex, bhal fil-kaz odjern, gie redatt wara s-sentenza appellata din il-Qorti trid tkun konvinta, bhal fil-kaz ta’ kull produzzjoni ta’ kull prova quddiemha, mir-relevanza tad-dokument li l-produzzjoni tieghu tkun qed tintalab.

**6.** Fil-kaz tad-dokument MIA 1 il-Qorti hi tal-fehma li d-dokument imsemmi ma hux relevanti ghall-iskop li jrid jigi prodott mis-socjeta` rikorrenti peress illi ma hux legittimu li din il-Qorti ghall-interpretazzjoni tar-regoli qodma ta’ procedura f’kazijiiet ta’ dixxiplina tistrieh fuq dak li hemm fi ftehim li fiz-zmien relevanti kien ghadu mhux fis-sehh.

**Provvediment**

Ghaldaqstant tichad it-talba tas-socjeta` appellanti maghmula bir-rikors taghha tal-1 ta’ Lulju 2011 sabiex din il-Qorti tippermettilha tipprezenta d-dokument “MIA 1” anness mal-istess rikors.

L-ispejjez ta’ dan l-incident jithallsu mis-socjeta` appellanti

**< Sentenza In Parte >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Ara paragrafu 7 tal-provvediment citat.